MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Numru. 778/2005

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Bartolo u Sp Ramon Mercieca)
vs
Saviour sive Silvio Cacciattolo, iben Lawrence, imwieled Valletta fid-9 ta’ novembru, 1972

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fil-21 ta’ marzu, 2001 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. f’xi ħin bejn is-6.00 p.m. tas-17 ta’ novembru, 2000 u is-00.45 a.m. tat-18 ta’ novembru, 2000 waqt li kien f’San Ġiljan, ikkometta serq ta’ diversi oġġetti ikkwalifikat bil-ħin, bil-mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira

maltija għad-dannu ta’ Yannick Thuiller minn Franza u/jew persuni oħra;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex il-valur ta’ ħames mitt lira maltija imma iżjed minn ħamsin lira maltija li saret għad-dannu ta’ Yannick Thuiller minn Franza u/jew persuni oħra;
3. talli fil-21 ta’ marzu, 2001, f’xi ħin bejn id-9.00 a.m. u il-5.00 p.m. waqt li kien f’Baħar iċ-Ċagħaq, ikkometta serq ta’ diversi oġġetti ikkwalifikat bil-mezz għad-dannu ta’ Joseph Cost Chritien minn Baħar iċ-Ċagħaq u/jew persuni oħra;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex il-valur ta’ ħames mitt lira maltija imma iżjed minn ħamsin lira maltija li saret għad-dannu ta’ Joseph Cost Chretien minn Baħar iċ-Ċagħaq u/jew persuni oħra;
5. talli rrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta’ ottubru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
ċ. fl-artikolu 330 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat illi l-imputat miet waqt il-mori ta’ din il-kawża u cioe’ fil-15 ta’ lulju, 2007 skond iċ-ċertifikat tal-mewt eżebiet fl-atti ta’ din il-kawża.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment estint.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------